# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
## IMHALLEF
## ONOR. DR GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Numru 23.**

**Citazzjoni Numru 2435/00 GV.**

**Benedict u Philippa konjugi Mizzi**

**vs**

**Robert Sciberras**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi permezz ta' konvenju datat l-4 ta' Awissu, 1999 u redatt minn Nutar Pubbliku Philip Said (vide dok. A), l-atturi obbligaw ruhom li jbieghu u jittrasferixxu lill konvenut, li da parti tieghu obbliga ruhu li jixtri u jakkwista, il-fond Flat 3, 'Saint Joseph', Triq il-Mandolina, Qajjenza, limiti ta' Birzebbugia versu l-prezz bonarjament pattwit ta' tletin elf lira Maltija (Lm30,000);

Premess illi ai termini ta' klawsola (a) tal-imsemmi konvenju (Dok. A), il-konvenut obbliga ruhu li jhallas lill-atturi pagamenti rateali ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) fix-xahar;

Premess illi l-konvenut huwa moruz fi tmien (8) skadenzi ta' hlas, u cioe' dawk tax-xhur ta' Awissu, u Dicembru tas-sena 1999 u Frar, Mejju, Lulju, Awissu, Settembru u Ottubru tas-sena 2000;

Premess illi ghalhekk il-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000);

Premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-atturi l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jaghti kontra t-talbiet hawn avvanzati mill-istess atturi u, kif jirrizulta mill-anness affidavit markat Dok. B;

Premess illi minkejja li gie diversi drabi nterpellat ghall-hlas mill-atturi u minkejja li l-konvenut innifsu dejjem wieghed lill-atturi li kien se jeffetwa l-hlas minnu dovut pero' baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Premess illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijet ta' Malta biex din l-Onorabbli Qorti tisma' u tiddecidi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh u skond procedura specjali sommarja;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddecidi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh u skond procedura specjali sommarja a tenur tal-artikoli 167 et. seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-konvenut huwa veru, cert u likwidu debitur tal-atturi fis-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) rapprezentanti l-iskadenzi ta' hlasijiet minnu dovuti ai termini ta' klawsola (a) tal-konvenju datat 4 ta' Awissu, 1999

ghax-xhur ta' Awissu u Dicembru tas-sena 1999 u tax-xhur ta' Frar, Mejju, Lulju, Awissu, Settembru u Ottubru tas-sena 2000; u

3. tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) ghar-ragunijet fuq premessi.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3;

Il-konvenut debitament notifikat deher quddiem il-Qorti u ddikjara li ma kienx ser iqabbad Avukat u talab li jixhed kif fil-fatt ghamel.

Semghet ix-xhieda ta' l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**PROVI**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien ghamel konvenju ma' l-atturi biex jixtri l-post fejn illum qed joqghod u kien ftiehem li jhallas il-prezz bil Lm250 fix-xahar (fol 5 Dok. A para. a).

Illi rrizulta li l-konvenut huwa moruz fi tmien skadenzi u ghalhekk ghandu jaghti Lm2,000.

Illi l-konvenut fix-xhieda tieghu qal li ma kompliex jaghmel pagamenti billi kien hemm xi tahwid fl-indirizz tal-post tieghu u ma bediex jircievi l-posta regolarment.

Illi l-Qorti hi tal-fehma li dina r-raguni ma tiggustifikax lill-konvenut milli ma jkompliex jhallas il-prezz tal-post. Hu ghandu rimedji ohra biex jirranga s-sitwazzjoni (kif jidher li diga ghamel) imma mhux dik li ma jhallas kif qed jippretendi li jista' jaghmel.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm2,000 bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**